# Ħal Luqa fiż-żmien...

Agnes Azzopardi B. Sc, B. Pharm

Ħal Luqa, raħal żgħir, iżda raħal li dejjem kellu livell għoli ta' ħajja soċjali. Il-Ħalluqin dejjem taw importanza lill-edukazzjoni ta' uliedhom li naraw li sa mill-1705 kien hemm min ħaseb biex it-tfal tar-raħal ikollhom tagħlim formali. Mhux biss, iżda insibu li t-tfal kienu jiġu mħeġġin jieħdu parti attiva fil-ħajja tar-raħal tagħhom. Hekk naraw li l-każin tal-Badna L-Unjoni għall-festa taċ-Ċentura tal-1885 għaqqad kor tat-tfal biex ikantaw mal-banda tagħhom waqt il-purċissjoni tal-Madonna. Ħaġa oħra ta' min japprezza hija l-fatt li l-bandisti tal-istess każin kienu żgħażagħ tal-istess raħal. Dawn dejjem urew kapaċità kbira u kemm-il darba ġew imfaħħra minn gazzetti Maltin.

Illum xtaqt naqsam magħkom l-istorja tal-iskola tagħna. Skola li minnha ħarġu nies ta' professjoni għolja li għamlu isem mhux biss f'Ħal Luqa iżda ma' Malta kollha.

L-iskola ta' Ħal Luqa għandha storja twila ta' aktar minn tliet mitt sena. L-ewwel bniedem li ħaseb biex it-tfal tar-raħal ikollhom xi tagħlim formali kien Dun Mark Antonio Mifsud fl-1705. Dan ifforma skola biex kif qal hu "jgħallem lit-tfal jaqraw u



jitkbu". Fl-1752, insibu lil Dun Ġan Mari Maxta jitlob permess lill-isqof biex jgħallem fl-iskola tar-raħal. Dan il-permess ġie mogħti lilu wara li l-isqof sar jaf li l-kapaċità tiegħu bħala għalliem. Tliet snin wara, insibu lil Dun Franġisk Vassallo li beda jgħallem fir-raħal. Fl-1747, in-Nutar Ġużeppi Bonavia ġab permess biex jgħallem il-Granmatika u l-Filosofija.

Dawn l-iskejjel, għalkemm żgħar, għenu ħafna liż-żgħażagħ Ħal Luqin biex jimxu 'l quddiem fl-istudju, tant li nsibu numru sabiħ ta' żgħażagħ jilħqu saċerdoti u professjonisti oħra. L-ewwel skola primarja tal-Gvern fetħet f'Ħal Luqa fl-1856. L-iskola għas-subien kienet taħt is-Surmast Ġużeppi Farrugia, fil-waqt li dik tal-bniet kellha lis-Sinjorina Marjana Farrugia bħala sinjora.

Fl-1878 insibu l-iskola f'żewġt idjar, numri 22 u 23 Triq San Ġorġ. Ftit snin wara, l-iskola tas-subien ġiet trasferita għal dar fi Triq San Pawl, waqt li dik fi Triq San Ġorġ kienet allokata kollha għal bniet. L-iskola l-ġdida nbniet fl-1930. Din kienet binja waħda – naħa għal bniet u n-nofs l-ieħor għas-subien b'kapijiet differenti. Iżda din l-iskola saħħa ma kellhiex titgawda għal żmien twil għax fl-1941 il-militar ħadha għan-nies tal-R.A.F. Is-Surmast dak iż-żmien kien is-Sur Joseph Penza. Dan għamel ħiltu kollha biex it-tfal tar-raħal ma jitilfux skola. Għal daqstant sab 25 kamra mxerdin mar-raħal, kull waħda qrib xi xelter, u għarmahom bħala klassijiet. It-tfal għalhekk setgħu jibqgħu jattendu l-iskola. L-għalliema taw sehemhom ukoll. Dawn (l-għalliema) qatt ma skartaw mid-dmir tagħhom u kienu jieħdu r-responsabbiltà tat-tfal ukoll waqt xi *air raid*. Mhux darba jew tnejn li l-lezzjonijiet kienu jitkomplew fix-xelter waqt l-*air raid* speċjalment jekk ma jkunx hemm bombi niżlin fil-qrib. Għax meta kienu jibdew niżlin il-bombi fil-qrib, kien jieqaf kollox u jibda t-talb. L-għalliema f'Ħal Luqa ta' żmien il-gwerra ħaqqhom kull tifħir għaliex mhux biss baqgħu jagħtu t-tagħlim lit-tfal, imma wkoll ħadu responsabilità tagħhom bis-serjetà fi żmien ta' periklu kbir li kienet tinsab fih Ħal Luqa. Ta' min jinnota li l-ebda tifel jew tifla ma korra waqt il-ħin tal-iskola matul il-gwerra.

Kif spiċċat il-gwerra, t-tfal reġgħu lura fl-iskola tagħhom proprja. Dan l-aħħar inħass il-bżonn li l-iskola titkabbar. Biex sar dan kollu, kellu jsir ħafna tibdil strutturali. Inbena t-tieni sular u l-bitħa ġiet irranġata b'tali mod li tista' tintuża għal sport modern bħalma huwa l-futbol u l-ġinnastika. Sar ukoll ħafna attrezzar li jservi ta' għajnuna għat-tfal tal-Kindergarten. F'kelma waħda l-iskola hija verament skola moderna.

Iżda l-aktar ħaġa mportanti għal Ħal Luqa hija li l-iskola dejjem żammet standard ta' tagħlim għoli u li tista' tiftaħar li minna ħarġu u għadhom joħorġu nies ta' professjoni għolja.

# Jekk titgħallem il-mużika, tkun taf kemm l-istorja kif ukoll il-matematika. Tkun taf dak kollu li għandek tkun taf.

*Edgar Cayce*